



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

8 ta' Novembru 2012\*

“Trasport bl-ajru — Regolament Nru 2042/2003 — Regoli tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili — Adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenji tal-ajru — Approvazzjoni tal-membri tal-persunal involut fix-xogħol ta' spezzjoni — Kwalifiki mitluba”

Fil-Kawża C-271/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Ottubru 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Mejju 2011, fil-proċedura

**Techniko Epimelitirio Elladas (TEE),**

**Sylogos Ellinon Diplomatouchon Aeronafpigon Michanikon (SEA),**

**Alexandros Tsiapas,**

**Antonios Oikonomopoulos,**

**Apostolos Batategas,**

**Vasileios Kouloukis,**

**Georgios Oikonomopoulos,**

**Ilias Iliadis,**

**Ioannis Tertigkas,**

**Panellinios Sylogos Aerolimenikon Ypiresias Politikis Aeroporias,**

**Eleni Theodoridou,**

**Ioannis Karnesiotis,**

**Alexandra Efthimiou,**

**Eleni Saatsaki**

vs

**Ypourgos Esoterikon, Dimosias Dioikisis kai Apokentrosis,**

\* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

**Ypourgos Metaforon kai Epikoinonion,**

**Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Levits, M. Safjan u M. Berger (Relatur),  
Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għat-Techniko Epimelitirio Elladas (TEE), minn K. Vlachogiannis, dikigoros,
- għas-Sylogos Ellinon Diplomatouchon Aeronafpigon Michanikon, minn P. Zygoris, dikigoros,
- għall-Panellinios Sylogos Aerolimenikon Ypiresias Politikis Aeroporias, minn G. Antonakopoulos, dikigoros,
- għall-Gvern Elleniku, minn P. Panagiotounakos kif ukoll minn S. Chala, K. Paraskevopoulou, Z. Chatzipavlou, bħala aġenti,
- għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u M. Perrot, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Simonsson u I. Zervas, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr  
konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tad-dispożizzjoni M.B.902 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, tal-20 ta' Novembru 2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [l-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata] ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 541).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku Techniko Epimelitirio Elladas (iktar 'il quddiem, it-“TEE”), l-assoċjazzjoni Sylogos Ellinon Diplomatouchon Aeronafpigon Michanikon (iktar 'il quddiem, l-“SEA”), seba' impjegati tal-Ypiresia Politikis Aeroporias (iktar 'il quddiem, id-“Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili”), il-Panellinios Sylogos Aerolimenikon Ypiresias Politikis Aeroporias (iktar 'il quddiem, “SAYPA”), fil-kwalità tagħha ta' assoċjazzjoni sindakali, kif ukoll erba' impjegati, membri tal-persunal tal-ajruport tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili, f'Ypourgos Esoterikon, Dimosias Dioikisis kai Apokentrosis (Ministeru għall-Affarijiet Interni, għall-Ordni Pubbliku u għad-Deċentralizzazzjoni), f'Ypourgos Metaforon kai

Epikoinonion (Ministeru għat-Trasport u għall-Komunikazzjonijiet) u f'Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon (Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi) rigward rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Digriet presidenzjali Nru 147, tas-17 ta' Awwissu 2005, dwar spetturi tal-mezzi ta' navigazzjoni u tan-normi tat-titjiriet, li jagħmlu parti mill-korp ta' spetturi tas-sigurtà tat-titjiriet tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili (FEK A' 200/17.8.2005, iktar 'il quddiem, id-“Digriet 147/2005”).

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

Ir-Regolament Nru 1592/2002

- 3 Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2002, dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 30, iktar 'il quddiem, ir-“Regolament bażiku”), għandu l-għan li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili sabiex jiġi stabbilit u jinżamm livell uniformi u għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa.
- 4 Għall-implementazzjoni tar-Regolament bażiku, l-Artikolu 12 tiegħu jipprovdi għall-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (iktar 'il quddiem, l-“AESA”), li għandha fost l-oħrajn il-kompitu li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea billi ttejjji l-miżuri li għandhom jiġu adottati għall-implementazzjoni ta' dan ir-regolament.

Ir-Regolament Nru 2042/2003

- 5 Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 2042/2003 billi bbażat ruħha fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku kif ukoll fuq l-opinjoni tal-AESA.
- 6 Skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, dan ir-regolament huwa intiż sabiex jistabbilixxi “l-ħtiġiet [ir-regoli] tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi [komuni] biex jiżguraw il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata] ta' inġenji ta' l-ajru” irreġistrati fi Stat Membru jew f'pajiż terz u użati minn operatur li għalihom l-AESA jew Stat Membru jiżguraw is-supervizzjoni tal-operazzjonijiet.
- 7 L-Artikolu 2(d) u (h) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi:
  - taħt (d): “kontinwità li tista' tintuża fl-ajru” [“adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata”] bħala “il-proċessi kollha li jiżguraw li, f'kull ħin tal-ħajja operattiva tiegħu, inġenju ta' l-ajru josserva l-ħtiġiet dwar il-kapaċità li jintuża fl-ajru li jkunu fis-seħħ u jkun f'kondizzjoni ta' operazzjoni mingħajr periklu”;
  - taħt (h): “manutenzjoni” bħala “waħda minn dawn li ġejjin jew kombinament tagħhom: l-eżami bir-reqqa, t-tiswija, l-ispezzjon, is-sostituzzjoni, l-modifika jew ir-rettifika ta' difett ta' inġenju ta' l-ajru jew komponent, ħlief l-ispezzjon ta' qabel titjira”.
- 8 L-Artikolu 3(1) ta' dan l-istess regolament jipprovdi li “[i]l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata] ta' inġenji ta' l-ajru u komponenti għandha tiġi żgurata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I”. It-tieni paragrafu ta' dan l-istess artikolu jindika li “[l]-organizzazzjonijiet u l-persunal involuti fil-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u komponenti, inkluża l-manutenzjoni, għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I u fejn xieraq daww speċifikati fl-Artikoli 4 u 5”.

- 9 Ir-Regolament Nru 2042/2003 jinkludi erba' annessi, li jirrigwardaw, rispettivament, l-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenji tal-ajru u l-ħruġ ta' ċertifikati marbuta magħha (Anness I), l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (Anness II), il-ħruġ ta' liċenzji ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (Anness III) u l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ fuq il-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (Anness IV).
- 10 L-Anness I ta' dan ir-regolament jinkludi Sezzjoni A, intitolata "Rekwiżiti tekniċi", u Sezzjoni B, intitolata "Proċeduri għall-awtoritajiet kompetenti".
- 11 Taħt it-titolu "Awtorità kompetenti", id-dispożizzjoni M.B.102, li tagħmel parti mill-Kapitolu A, intitolata "Punti ġenerali", tas-Sezzjoni B ta' dan l-anness, tipprovdi:

"a) Punti ġenerali

Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti b'responsabbiltajiet assenjati għall-ħruġ, l-estensjoni, il-modifika, is-sospensjoni jew l-irtirar ta' ċertifikati u għall-kontroll tal-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata. Din l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri ddokumentati kif ukoll struttura tal-organizzazzjoni.

b) Riżorsi

In-numru ta' impjegati għandu jkun xieraq sabiex jissodisfa r-rekwiżiti kif huma spjegati fid-dettal f'din is-sezzjoni.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

- 12 Taħt it-titolu "Mezzi aċċettabbli ta' konformità", id-dispożizzjoni M.B.103 tal-imsemmi anness tawtorizza lill-AESA sabiex tiżviluppa mezzi aċċettabbli ta' konformità li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 2042/2003.
- 13 Taħt it-titolu "Eżami tal-adegwatezza għall-avjazzjoni mill-awtorità kompetenti", id-dispożizzjoni M.B.902, inkluża taħt il-Kapitolu I, intitolat "Ċertifikat ta' eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni", ta' dan l-istess anness tipprovdi:

"a) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħmel l-eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni u li toħroġ iċ-ċertifikat ta' eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni Formola 15a tal-AESA (Appendiċi 3), l-awtorità kompetenti għandha tagħmel eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-M.A. 710.

b) L-awtorità kompetenti għandu jkollha persunal xieraq għall-eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni sabiex twettaq dawn l-eżamijiet. Il-persunal għandu:

1. ikollu mill-inqas ħames snin esperjenza fil-qasam tal-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata, u
2. jkollu liċenzja Parti-66 adattata jew diploma fl-ajrunawtika jew ekwivalenti, u
3. taħriġ uffiċjali fil-manutenzjoni ajrunawtika, u
4. pożizzjoni b'responsabbiltajiet xierqa.

c) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-persunal kollu għall-eżami ta' adegwatezza għall-avjazzjoni, li għandu jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe kwalifika xierqa kif ukoll sunt tal-esperjenza u tat-taħriġ rilevanti fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.

[...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14 Ir-Regolament Nru 2042/2003 daħal fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2003. Madankollu, skont l-Artikolu 7(3) ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri setgħu jagħżlu li ma japplikawx sat-28 ta' Settembru 2008:

— id-dispożizzjonijiet tal-Anness I għal inġenji tal-ajru li ma humiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru, u

— id-dispożizzjonijiet tal-Anness I(I) għal inġenji tal-ajru involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru.

Id-Deċiżjoni 2003/19/RM

15 Id-Deċiżjoni Nru 2003/19/RM tal-AESA, tat-28 ta' Novembru 2003, adottata abbażi tad-dispożizzjoni M.B.103 tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, tirrigwarda l-“mezzi aċċettabbli ta' konformità u l-linji gwida marbuta mar-Regolament Nru 2042/2003”. Hija tipprovdi preċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam b'mod partikolari mal-awtoritajiet kompetenti, ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-kwalifiki mitluba mill-persunal involut fl-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenji tal-ajru.

*Id-dritt nazżjonali*

16 Id-Digriet 147/2005 ġie adottat abbażi tal-Artikolu 32 tal-Liġi 2912/2001 rigward tisħiħ tas-sorveljanza tal-Istat fuq in-normi tas-sigurtà fil-qasam tal-avjazzjoni, rizzoluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' organizzazzjoni marbuta magħhom tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili (FEK A' 94).

17 L-Artikolu 1 ta' dan id-digriet jipprovdi:

“1. L-ispetturi tad-direttorat tan-normi tat-titjiriet jiffurmaw kategorija ta' spetturi parti mill-korp ta' spetturi tas-sigurtà fil-qasam tal-avjazzjoni tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili, stabbilit mill-Artikolu 32(1) tal-Liġi 2912/2001.

2. Ix-xogħol tal-ispetturi tal-mezzi ta' navigazzjoni u tan-normi dwar it-titjiriet tal-korp tal-ispetturi tas-sigurtà fil-qasam tal-avjazzjoni huwa li jissorveljaw u jikkontrollaw l-osservanza tan-normi ta' sigurtà tat-titjiriet f'dak li għandu x'jaqsam mal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru b'mod ġenerali, il-mezzi ta' assistenza previsti f'dan ir-rigward u d-diplomi u l-liċenzji tal-avjazzjoni ċivili”.

18 L-Artikolu 3 tal-imsemmi digriet jaqsam l-ispetturi tal-mezzi ta' navigazzjoni u tan-normi tat-titjiriet f'diversi kategoriji, jiġifieri l-ispetturi tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni, l-ispetturi tal-operazzjonijiet tat-titjiriet, l-ispetturi tas-sigurtà fil-kabini tal-inġenji tal-ajru, l-ispetturi tad-diplomi u tal-liċenzji kif ukoll l-ispetturi tad-data medika.

19 L-Artikolu 5(1) ta' dan l-istess digriet jirrigwarda l-għażla tal-ispetturi.

20 L-Artikolu 7 tad-Digriet 147/2005 jispeċifika l-elementi rilevanti għall-ispezzjonijiet magħmula mid-diversi kategoriji ta' spetturi.

- 21 L-Artikolu 8(1) ta' dan id-digriet jiddefinixxi l-kwalifiki mitluba mill-ispetturi tal-kapaċità ta' użu fl-ajru b'dan il-kliem:

“L-ispetturi tal-kapaċità ta' użu fl-ajru għandu jkollhom esperjenza ta' mill-inqas ħames snin, fil-qasam tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, u għandhom ikunu ħadmu fil-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru. Huma għandhom ukoll ikunu jafu sew it-terminoloġija Ingliża tas-settur tat-trasport bl-ajru.

Idealment huma għandhom ikunu ġew promossi suċċessivament f'pożizzjonijiet oġġla u jkollhom ir-responsabbiltà ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru fi gradi ġerarkikament oġġla u jkunu responsabbli minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-ajruplani. Huma għandu jkollhom ukoll diploma bħala inġiniera skont il-JAR 66 jew diploma minn stabbiliment ta' edukazzjoni oġġla fl-ajrunawtika.

L-ispetturi speċjalizzati fis-sistemi elettroniċi tal-inġenji tal-ajru għandu jkollhom, barra minn hekk, diploma bħala inġiniera fis-sistemi elettroniċi tal-inġenji tal-ajru maħruġa minn fakultà nazzjonali jew barranija jew diploma fl-elettronika ta' livell universitarju jew diploma bħala tekniċi tal-inġenji tal-ajru.”

- 22 L-Artikolu 9 tal-imsemmi digriet jirregola t-taħriġ tal-persuni li huma meqjusa li għandhom il-kwalifiki mitluba mill-Artikolu 8.
- 23 L-Artikolu 14 ta' dan l-istess digriet jipprovdi dispożizzjonijiet tranżitorji.

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

- 24 Bejn ix-xahar ta' Settembru u dak ta' Novembru 2005, ġew ippreżentati erba' rikorsi għal annullament kontra d-Digriet 147/2005.
- 25 L-ewwel tliet rikorsi, ippreżentati rispettivament mit-TEE, mis-SEA u mis-seba' impjegati tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili, huma intiżi għall-annullament tad-Digriet 147/2005 rigward l-ispetturi tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni, jiġifieri, essenzjalment, l-Artikoli 8 u 9 ta' dan id-digriet. Ir-rikorrenti jikkontestaw b'mod partikolari l-kundizzjonijiet introdotti minn din id-dispożizzjoni rigward il-kwalifiki mitluba mill-persuni li jixtiequ jeżerċitaw l-attività ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.
- 26 Ir-raba' rikors, ippreżentat mill-Panellinos Syllogos Aerolimenikon Ypiresias Politikis Aeroporias kif ukoll minn erba' impjegati, membri tal-persunal tal-ajruport tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili, huwa intiż għall-annullament tad-Digriet 147/2005 sa fejn, minn naħa, huwa jeskludi s-sorveljanza u l-kontroll tat-trasportaturi bl-ajru u tal-ajruporti mix-xogħol tal-ispetturi tal-mezzi ta' navigazzjoni u tan-normi tat-titjiriet u, min-naħa l-oħra, iħassar, fl-Artikolu 8 tiegħu, il-possibbiltà għall-impjegati tal-fergħa tal-membri tal-persunal tal-ajruporti li jkunu ċċertifikati bħala spetturi tas-sigurtà fil-kabini tal-inġenji tal-ajru u bħala spetturi tad-diplomi u tal-liċenzji.
- 27 Sa fejn dawn ir-rikorsi jqiegħdu f'dubju l-validità tad-dispożizzjonijiet kkontestati tad-Digriet 147/2005 fid-dawl ta' dawk tar-Regolament Nru 2043/2002, is-Symvoulío tis Epikrateias iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jaġġmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, flimkien mad-dispożizzjoni M.B.902(b)(1), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tal-imsemmi regolament, u fid-dawl ta' dak li ttiprovdi d-dispożizzjoni AMC.M.B.102(c)(1) (subparagrafi 1.1 sa 1.4, 1.6 [u] 1.7), tal-Kapitolu A, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I, tad-Deċiżjoni Nru 2003/19 [...], il-leġiżlatur nazzjonali għandu l-possibbiltà, waqt l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' implementazzjoni tal-imsemmi regolament, li jqassam l-attivitajiet ta' spezzjoni tal-ajruplani [inġenji tal-ajru], maħsuba sabiex jiġi



kkonstatat li huma konformi mar-rekwiżiti fis-seħħ fil-qasam tan-navigazzjoni bl-ajru, lil diversi kategoriji/speċjalitajiet ta' spetturi, fejn kull wieħed minnhom jista' jikkontrolla biss l-adegwatezza għall-avjazzjoni ta' ajruplan f'qasam wieħed partikolari? B'mod partikolari, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik li qiegħda tiġi eżaminata f'dan il-każ u li tipprevedi spetturi tal-adegwatezza għall-avjazzjoni ('airworthiness and avionics inspectors'), spetturi tal-operazzjonijiet tat-titjira ('flight operations inspectors'), spetturi tas-sigurtà fil-kabini ('cabin safety inspectors') u spetturi tad-diplomi u tal-liċenzji ('licensing inspectors') hija konformi mar-Regolament Nru 2042/2003 [...]

- 2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda preċedenti, id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 tfigher li kull persuna li tiġi fdata bil-kompiti ta' ispezzjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni ta' ajruplan f'qasam wieħed partikolari, għandu jkollha esperjenza ta' ħames snin li tkopri l-aspetti kollha intiżi li tiġi żgurata l-manutenzjoni [żamma] tal-adegwatezza għall-avjazzjoni ta' ajruplan jew ikun suffiċjenti li jkollha esperjenza ta' ħames snin fil-funzjonijiet speċifiċi fdati lilha u li jaqgħu taħt l-ispeċjalità tagħha?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta għal din id-domanda li huwa suffiċjenti li l-persunal tal-ispezzjoni jkollu esperjenza ta' ħames snin fil-funzjonijiet speċifiċi li ġew fdati lilu, għandha tiġi kkunsidrata li tissodisfa r-rekwiżiti tad-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni B tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 li ttiprovdi li l-persunal tal-ispezzjoni għandu jkollu 'mill-inqas ħames snin esperjenza fl-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata', dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik li qiegħda tiġi eżaminata f'dan il-każ, u li ttiprovdi li l-ispetturi tal-adegwatezza għall-avjazzjoni ('airworthiness and avionics Inspectors'), responsabbli għas-sorveljanza u l-kontroll tal-mezzi tan-navigazzjoni, tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati kif ukoll tat-trasportaturi bl-ajru, b'mod konformi mar-regoli inklużi fil-manwal tal-[Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)] dok. 9760, għandu jkollhom esperjenza ta' mill-inqas ħames snin ma' oper[a]tur fil-qasam tal-manutenzjoni tal-ajruplani u għandhom ikunu hađmu fil-manutenzjoni tal-ajruplani?
- 4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda preċedenti, dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik li qiegħda tiġi eżaminata f'dan il-każ, li tekwi para t-titolari ta' liċenzja għall-manutenzjoni tal-ajruplani, skont il-Parti 66 (Anness III) tar-Regolament Nru 2042/2003, mat-titolari ta' diplomi maħruġa minn stabbilimenti ta' edukazzjoni oġġla fil-qasam tan-navigazzjoni bl-ajru, hija konformi mal-imsemmi regolament, sa fejn hija ttiprovdi li dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni għandu jkollhom esperjenza ma' oper[a]tur fil-qasam tal-manutenzjoni tal-ajruplani sabiex ikunu jistgħu jiġi ċċertifikati bħala spetturi tal-adegwatezza għall-avjazzjoni?
- 5) Skont id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, fid-dawl ukoll tas-subparagrafi 1.4 u 1.5 tad-dispożizzjoni AMC M.B.102(c)(1) (subparagrafi 1.4 u 1.5) tal-Kap[ito]lu A, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I, tad-Deċiżjoni 2003/19 [...] fl-esperjenza ta' ħames snin fil-qasam [...] tal-adegwatezza għall-avjazzjoni [kontinwata] hemm inkluża l-esperjenza Prattika miksuba, fejn ikun il-każ, fil-kuntest tal-istudji intiżi sabiex jinkiseb il-grad akkademiku kko[n]ċernat jew għandha tgħodd biss l-esperjenza miksuba fil-kundizzjonijiet reali tax-xogħol, indipendentement mill-istudji u, wara t-tmiem tal-istudji u l-kisba tal-grad akkademiku kkonċernat?
- 6) Skont id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 2042/2003, fl-esperjenza ta' ħames snin fil-qasam [...] tal-adegwatezza għall-avjazzjoni [kontinwata] hemm inkluż ukoll l-esperjenza li tkun inkisbet mill-eżerċizzju, fejn ikun il-każ, fil-passat, u anki qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, ta' funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani?
- 7) Skont id-dispożizzjoni M.B.902(b)(2), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, sabiex it-titolari ta' liċenzja għall-manutenzjoni tal-ajruplani skont il-Parti 66 (Anness III) tal-istess Regolament Nru 2042/2003 jintgħażel inizjalment bħala spettur, hemm

bżonn, qabel l-għażla tiegħu, li huwa jingħata taħriġ addizzjonali fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani jew ikun suffiċjenti li huwa jingħata tali taħriġ, wara l-għażla inizjali tiegħu iżda qabel ma huwa jassumi l-funzjonijiet tiegħu ta' spettur?

- 8) Skont id-dispożizzjoni M.B.902(b)(3), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, li ttiprovdi li l-persunal tal-ispezzjoni għandu jkollu "taħriġ adattat fil-manutenzjoni ajrunawtika", huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li tikkostitwixxi tali taħriġ, sistema ta' taħriġ, stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali li għandha l-karatteristiċi li ġejjin: i) it-taħriġ jingħata wara l-għażla inizjali ta' persuna bħala spettur sempliċiment abbażi tal-kwalifiki formali tagħha; ii) dan it-taħriġ ma jiġix varjat skont il-kwalifiki formali tal-persuni magħżula inizjalment bħala spetturi u iii) fil-kuntest ta' din is-sistema ta' taħriġ, ma huma previsti l-ebda proċedura u l-ebda kriterju ta' evalwazzjoni tal-persuna mħarrġa, u lanqas eżami finali sabiex jikkonstata li hija jkollha konozzenzi suffiċjenti, fi tmiem it-taħriġ tagħha?
- 9) Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(4), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, li ttiprovdi li l-persunal tal-ispezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni għandu jkollu 'pożizzjoni b'responsabilitajiet xierqa' t'fisser li l-pożizzjoni tikkostitwixxi kwalifika li persuna għandu jkollha sabiex tkun tista' tiġi ċċertifikata bħala spettur, fis-sens li huwa neċessarju li hija kienet tokkupa, matul l-attività preċedenti tagħha, pożizzjoni għolja, [j]ew id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 2042/2003 t'fisser, fid-dawl ukoll tad-dispożizzjoni M.B.902(b)(3), tal-Kap[it]olu A, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I, tad-Deċiżjoni 2003/19 [...], li wara l-għażla inizjali ta' persuna bħala spettur, hija għandha tingħata pożizzjoni fi ħdan l-awtorità kompetenti għall-ispezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, li tkun tali li tippermettilha torbot lil din l-awtorità bil-firma tagħha?
- 10) Jekk id-dispożizzjoni M.B.902(b)(4), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-[R]egolament [Nru 2042/2003] għandha t-tieni tifsira esposta iktar 'il fuq, jista' jiġi kkunsidrat li tissodisfa r-rekwiżiti f'dan is-sens [ta' dan ir]-regolament, leġiżlazzjoni tad-dritt nazzjonali li ttiprovdi li ċ-ċertifikazzjoni tal-ispettur issir wara t-taħriġ teoretiku u prattiku tiegħu, li huwa l-mument minn meta huwa jkun jista' jibda jwettaq ispezzjonijiet sabiex jikkonstata l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, billi jiffirma waħdu dokumenti tal-ispezzjoni u billi jorbot lill-awtorità kompetenti?
- 11) Barra minn hekk, jekk id-dispożizzjoni M.B.902(b)(4), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha t-tieni tifsira esposta iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li hija konformi ma' din tal-aħħar, dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik eżaminata f'dan il-każ, li ttiprovdi li sabiex tintgħażel inizjalment persuna bħala spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni, huwa preferibbli li huwa jkun ġie promoss minn qabel 'fi gradi ġerarkikament iktar għoljin u li huwa jkun responsabbli minn [organizzazzjoni] tal-manutenzjoni tal-ajruplani'?
- 12) Skont ir-Regolament Nru 2042/2003, li ma jirregolax il-kwistjoni dwar jekk, u f'liema kundizzjonijiet, il-persuni li kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spettur sabiex jikkontrollaw l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, għandhomx dritt li jkomplu jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, il-leġiżlatur nazzjonali kellu l-obbligu li jipprovdi li l-persuni li kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spettur fid-data tad-dħul fis-seħħ [tal-imsemmi] regolament [...] (jew, fejn xieraq, qabel din id-data) kellhom awtomatikament jiġu ċċertifikati mill-ġdid bħala spetturi, mingħajr ma jiġu sottoposti preliminarjament għal proċedura ta' għażla jew ta' evalwazzjoni? Jew jeħtieġ li r-Regolament Nru 2042/2003 [...], li huwa intiż sabiex itejjeb is-sigurtà tat-trasport bl-ajru u mhux sabiex jikkonsolida d-drittijiet professjonali tal-persuni li jaħdmu fi ħdan l-awtorità tal-Istat Membru li hija kompetenti għall-ispezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, jiġi interpretat fis-sens li huwa sempliċement jagħti lill-Istati Membri l-fakultà, jekk huma jqisu li jkun neċessarju, li jkomplu jimpjegaw, bħala spetturi tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, persuni li kienu jwettqu l-imsemmija spezzjonijiet qabel id-dħul fis-seħħ tar-[R]egolament



[Nru 2042/2003], anki jekk dawn il-persuni ma jkollhomx il-kwalifiki rikjesti mill-imsemmi regolament, fid-dawl ukoll ta' dak li huwa previst f'dan ir-rigward mid-dispożizzjoni AMC M.B.902(b)(4) tal-Kapitolu A, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I, tad-Deċiżjoni 2003/19 [...]

13) Fil-każ li jiġi ammess li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, l-Istati Membri huma obbligati jiċċertifikaw mill-ġdid u b'mod awtomatiku, mingħajr proċedura ta' għażla, persuni li kienu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, għandha tiġi kkunsidrata konformi mar-regolament, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik eżaminata f'dan il-każ, li tipprovdi li, sabiex jiġu ċċertifikati mill-ġdid bħala spetturi, dawn il-persuni kellhom ikunu eżerċitaw effettivament il-funzjonijiet ta' spettur, mhux fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament Nru 2042/2003, iżda wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali?"

### Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 28 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni osservat li kemm fid-data li fiha ġie adottat id-Digriet 147/2005, f'Awwissu 2005, kif ukoll fid-data li fiha ġew ippreżentati r-rikorsi għal annullament, jiġifieri bejn Settembru u Novembru 2005, id-dispożizzjonijiet tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 ma kinux applikabbli għar-Repubblika Ellenika. Waqt is-seduta, il-Gvern Elleniku kkonferma li dan l-Istat Membru kien eżerċita l-fakultà, miftuħa bl-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament, li ma japplikax id-dispożizzjonijiet inkwistjoni sat-28 ta' Settembru 2008.
- 29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex tiddeċiedi, b'mod preliminari, dwar l-interpretazzjoni tat-trattati kif ukoll tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, stabbilita permezz ta' dan l-artikolu, huma biss il-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw, fid-dawl tan-natura partikolari ta' kull kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala, C-482/10, Ġabra p. I-14139, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 30 Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, għandha l-obbligu li tiddeċiedi (ara, fost l-oħrajn, is-sentenza Cicala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss jekk jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha l-ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha (ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Ioannis Katsivardas – Nikolaos Tsitsikas, C-160/09, Ġabra p. I-4591, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 F'dan il-każ, huwa minnu li t-tieni sal-ħdax-il domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju jirreferu speċifikament għad-dispożizzjoni M.B.902 tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 li r-Repubblika Ellenika kienet iddeċidiet li ma tapplikax fid-data li fiha ġiet adottata l-miżura nazzjonali li l-validità tagħha hija kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju.
- 33 Madankollu, dan il-fatt ma jippermettix minnu nnifsu li jiġi konkluż li l-interpretazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju ma għandha l-ebda rabta mas-suġġett tal-kawża prinċipali, jew li l-problema hija ta' natura ipotetika u li, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq id-domandi magħmula.

- 34 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba ddikkjarat lilha nfisha kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda fejn l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu saru applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali minħabba riferiment minn dan tal-aħħar għall-kontenut tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma, għas-soluzzjonijiet li toffri għal sitwazzjoni interna, ma' dawk tad-dritt tal-Unjoni, jeżisti interess ċert tal-Unjoni li, sabiex jiġu evitati differenzi fl-interpretazzjonijiet futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jirċievu interpretazzjoni uniformi, indipendentement mill-kundizzjonijiet fejn ikollhom japplikaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Cicala, iċċitata iktar 'il fuq, punti 17 u 18 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 35 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju indikat b'mod espliċitu li hija tqiegħed id-domandi preliminari tagħha fil-kuntest tal-adozzjoni, mill-awtorità nazzjonali kompetenti, ta' miżuri addizzjonali ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 2042/2003. B'dan il-mod jidher li l-qorti tar-rinviju teżamina d-Digriet 147/2005 bħala miżura ta' eżekuzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament, adottata qabel l-iskadenza tat-terminu li r-Repubblika Ellenika kienet għażlet inizjalment li tirriżerva f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tagħhom.
- 36 Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li qed tintalab l-interpretazzjoni tagħhom huma intiżi sabiex japplikaw, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, qabel l-iskadenza tat-terminu awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni, l-interpretazzjoni mitluba fir-rigward tagħhom ma hijiex manifestament mingħajr rabta mas-suġġett tal-kawża prinċipali u ma hijiex ta' natura ipotetika.
- 37 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq id-domandi kollha li saru.

### **Fuq id-domandi preliminari**

#### *Osservazzjonijiet preliminari*

- 38 Qabel ma tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandu jiġi mfakkar l-għan tar-Regolament Nru 2042/2003. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament jindika li huwa jistabbilixxi regoli tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni biex jiżguraw l-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenji tal-ajru, inklużi l-komponenti li għandhom jiġu stallati magħhom.
- 39 Kif jirriżulta mill-kunċett ta' definizzjoni ta' "adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata" mogħtija fl-Artikolu 2(d) tal-imsemmi regolament, dan ikopri l-proċessi kollha intiżi sabiex jiżguraw li, f'kull mument tal-ħajja operattiva tiegħu, inġenju ta' l-ajru josserva r-rekwiżiti ta' adegwatezza għall-avjazzjoni li jkunu fis-seħħ u jkun f'kundizzjoni ta' operazzjoni mingħajr periklu.
- 40 Dawn il-proċessi huma speċifikati fl-Anness I ta' dan l-istess regolament. Is-Sezzjoni A ta' dan l-anness tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi, filwaqt li s-Sezzjoni B tal-anness tistabbilixxi l-kundizzjonijiet amministrattivi li għandhom jiġu osservati mill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għall-applikazzjoni u għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija rekwiżiti tekniċi.
- 41 Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2042/2003 ma jestendix, għaldaqstant, għall-aspetti kollha tas-sigurtà fl-avjazzjoni, iżda huwa limitat biċ-ċar għal ċerti aspetti tekniċi, jiġifieri dawk intiżi sabiex jiżguraw l-adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata, u għall-proċeduri amministrattivi rigward l-osservanza ta' dawn il-proċessi tekniċi.
- 42 Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju, l-unika kompetenti sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, li għandha tara li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. B'mod partikolari hija għandha tevalwa sa fejn ir-responsabbiltajiet

tekniċi assenjati mid-Digriet 147/2005 lill-ispetturi tal-operazzjonijiet tat-titjiriet, l-ispetturi tas-sigurtà fil-kabini tal-inġenji tal-ajru, l-ispetturi tad-diplomi u tal-liċenzji kif ukoll l-ispetturi tad-data medika jikkorrispondu mal-operazzjonijiet ta' adegwatezza għall-avjazzjoni kontinwata msemmija minn dan l-istess regolament.

*Fuq l-ewwel domanda*

- 43 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2 u d-dispożizzjoni M.B.902 tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, moqrija fid-dawl tad-dispożizzjoni M.B.102 tal-Anness I, tad-Deċiżjoni Nru 2003/19', għandhom xi jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, waqt l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament, li jqassmu l-attivitajiet ta' spezzjoni tal-inġenji tal-ajru lil diversi kategoriji speċjalizzati ta' spetturi.
- 44 Fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet konkreti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2042/2003, għandu jiġi osservat li d-dispożizzjoni M.B.102 tal-Anness I ta' dan ir-regolament, sempliċement tipprovdi għall-ħatra mill-Istati Membri ta' awtorità kompetenti għall-kontroll tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata u taċ-ċertifikati mitluba għal dan il-għan.
- 45 Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tħalli f'idejn kull awtorità sabiex tiddefinixxi l-istruttura ta' organizzazzjoni tagħha, u tispeċifika biss li n-numru ta' impjegati għandu jkun xieraq sabiex jissodisfa l-funzjonijiet mogħtija lill-awtorità inkwistjoni.
- 46 Id-dispożizzjoni inkwistjoni ma tinkludi, għaldaqstant, l-ebda indikazzjoni rigward il-forma ta' din l-istruttura jew rigward it-tqassim tal-kompiti fi ħdan din l-istruttura.
- 47 Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2003/19' tal-AESA, inkwantu miżura ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 2042/2003, ma tistax tqiegħed fuq l-Istati Membri obbligi li jmorru lil 'hinn minn dawk previsti minn dan ir-regolament.
- 48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2 u d-dispożizzjoni M.B.902 tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandhom xi jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, waqt l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament, li jqassmu, fi ħdan l-awtorità kompetenti prevista mid-dispożizzjoni M.B.902, l-attivitajiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni lil diversi kategoriji speċjalizzati ta' spetturi.

*Fuq it-tieni domanda*

- 49 Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li kull persuna li tiġi fdata bil-kompiti ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni ta' inġenji tal-ajru f'qasam wieħed partikolari għandu jkollha esperjenza ta' ħames snin li tkopri l-aspetti kollha intiżi sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata ta' inġenju tal-ajru.
- 50 Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 tipprovdi li l-persunal fdat bl-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni ta' inġenji tal-ajru għandu jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata. Dan il-kunċett imsemmi l-aħħar għandu jinftiehem fis-sens mogħti lillu minn dan ir-regolament, kif speċifikat fil-punti 38 sa 41 ta' din is-sentenza.

- 51 In-natura ġenerali tal-kliem tad-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 twassal sabiex din tiġi interpretata fis-sens li kull persuna li tingħata l-kompitu li tispezzjona, taħt kwalunkwe aspekt, l-adeqwatezza għall-avjazzjoni ta' ajruplan għandu jkollu esperjenza ta' ħames snin li tkopri l-aspetti kollha intiżi sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata tal-inġenji tal-ajru fis-sens tal-imsemmi regolament.
- 52 Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi konkluż li l-esperjenza mitluba għandha tkopri wkoll aspekt li ma jaqgħux taħt il-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata fis-sens tar-Regolament Nru 2042/2003.
- 53 Għaldaqstant ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li kull persuna li tingħata l-kompitu li tispezzjona, taħt kwalunkwe aspekt, l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jkollha esperjenza ta' ħames snin li tkopri l-aspetti kollha intiżi sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata tal-inġenji tal-ajru, u dawn l-aspetti biss.

*Fuq it-tielet, il-ħames u s-sitt domanda*

- 54 Permezz tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt domanda tagħha, li jirrigwardaw il-kunċett ta' esperjenza ta' mill-inqas ħames snin fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata li għandu jkollu, skont id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, il-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk din l-esperjenza għandhiex neċessarjament tkun inkisbet ma' organizzazzjoni fil-qasam tal-manutenzjoni tal-ajruplani (it-tielet domanda), jew jekk tistax tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza Prattika miksuba fil-kuntest ta', jew wara, l-istudji universitarji (il-ħames domanda) u jekk tistax tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba fl-eżerċizzju, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 2042/2003, tal-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru (is-sitt domanda).
- 55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mid-dispożizzjoni M.B.902(a) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 jirriżulta li l-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jkun jista' jwettaq eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni skont ir-rekwiżiti tekniċi imposti mis-Sezzjoni A tal-Anness I ta' dan ir-regolament.
- 56 Għal dan il-għan, id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) ta' dan l-anness teżiġi li l-persunal ikollu mill-inqas ħames snin esperjenza fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tispeċifikax il-mod kif għandha tinkiseb din l-esperjenza.
- 57 B'dan il-mod, minkejja li d-dispożizzjoni M.B.902(a) u (b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 tistabbilixxi l-livell u l-kontenut tal-esperjenza li għandu jkollu l-persunal responsabbli, fl-Istati Membri, għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni, hija ma ttiprovdi għall-ebda obbligu u għall-ebda restrizzjoni jew esklużjoni rigward il-kundizzjonijiet li fihom għandha tkun inkisbet din l-esperjenza.
- 58 Għaldaqstant l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu kull esperjenza rilevanti għall-finijiet tal-funzjonijiet li għandhom jiġu eżerċitati, sakemm din l-esperjenza tkun biżżejjed wiesgħa sabiex tkopri l-aspetti kollha li għandhom ikunu koperti mill-ispezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru.
- 59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba fil-kuntest ta' impjeg fil-qasam tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, li jirrikonoxxu dik miksuba fil-kuntest ta' traineeship fil-kamp professjonali waqt l-istudji fl-ajrunawtika jew inkella dik marbuta mal-eżerċizzju preċedenti ta' funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.



60 Għaldaqstant ir-risposta għat-tielet, il-ħames u s-sitt domanda għandha tkun li d-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom inkisbet l-esperjenza ta' mill-inqas ħames snin fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata li għandu jkollu l-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru. B'mod partikolari, huma jistgħu jagħżlu li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba fil-kuntest ta' impjeg fil-qasam tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, li jirrikonoxxu dik miksuba fil-kuntest ta' traineeship fil-kamp professjonali waqt l-istudji fl-ajrunawtika jew inkella dik marbuta mal-eżerċizzju preċedenti ta' funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.

*Fuq ir-raba' domanda*

61 Bir-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 2042/2003 jippermettix lill-Istati Membri li japplikaw l-istess trattament u li jimponu l-istess obbligi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-esperjenza ta' mill-inqas ħames snin fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata, kemm fuq dawk li għandhom diplomi maħruġa mill-istabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla fl-ajrunawtika kif ukoll fuq dawk li għandhom liċenzja ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru, skont l-Anness III tal-imsemmi regolament, intitolat "Parti 66" (iktar 'il quddiem, "liċenzja Parti-66").

62 Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(2) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 tipprovdi li l-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni għandu jkollu liċenzja Parti-66 jew diploma fl-ajrunawtika jew ekwivalenti. Il-mod kif ġie fformulat dan ir-rekwiżit ma jistabbilixxi l-ebda differenza bejn dawk li għandhom liċenzja Parti-66 u dawk li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla.

63 Barra minn hekk, id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 titlob li kull membru tal-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata.

64 Rigward ir-rabta bejn dawn iż-żewġ rekwiżiti, għandu jiġi osservat li dak previst fil-punt 1 ta' din id-dispożizzjoni jikkonċerna kwalifika indipendenti minn dik mitluba fil-punt 2 tal-istess dispożizzjoni. Għaldaqstant huma żewġ kwalifiki distinti. Il-konġunzjoni "u" li torbot iż-żewġ punti tad-dispożizzjoni inkwistjoni tindika li l-kundizzjonijiet mitluba għandhom it-tnejn jiġu sodisfatti.

65 Bħall-punt 2 tad-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, il-punt 1 ta' din id-dispożizzjoni ma jistabbilixxi l-ebda differenza bejn dawk li għandhom liċenzja Parti-66 u dawk li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla.

66 L-istess konstatazzjonijiet għandhom japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti msemmija fil-punti 3 u 4 tad-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003.

67 Għaldaqstant ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li d-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tistabbilixxi l-ebda differenza bejn dawk li għandhom liċenzja Parti-66 u dawk li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla.

*Fuq is-seba' u t-tmien domanda*

68 Bis-seba' u t-tmien domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma awtorizzati jagħżlu, għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru,



persuni li ma għandhomx il-kwalifika mitluba, bħalma hija l-esperjenza fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata jew taħriġ fil-manutenzjoni ajrunawtika, u li jipprovdu sabiex dawn il-persuni jsegwu t-taħriġ li jonqoshom wara l-għażla tagħhom iżda qabel ma huma jassumu l-funzjonijiet, mingħajr il-bżonn li kriterju ta' evalwazzjoni jiġi previst wara dan it-taħriġ.

- 69 Kif ġie osservat fil-punt 53 ta' din is-sentenza, mid-dispożizzjoni M.B.902(a) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 jirriżulta li l-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jkun jista' jwettaq eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni skont ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti mis-Sezzjoni A tal-Anness I ta' dan ir-regolament.
- 70 Għal dan il-għan, id-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 titlob li l-persunal ikkonċernat ikollu ċerti kwalifiki, ifformulati bħala erba' rekwiżiti, li fir-rigward tagħhom inqas, fil-punti 63 sa 65 ta' din is-sentenza, li huma kundizzjonijiet kumulattivi.
- 71 Għaldaqstant l-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru jista' jwettaq biss minn persunal li juri li jissodisfa l-kriterji kollha mitluba. Dan jippresupponi li dan il-persunal ikun segwa t-tagħlim u t-taħriġ kollu neċessarju qabel ma daħal fil-funzjonijiet tiegħu bħala spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.
- 72 Skont l-għan tar-Regolament bażiku li abbażi tiegħu ġie adottat ir-Regolament Nru 2042/2003, li huwa li jiġi stabbilit u li jinżamm livell uniformi u għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa, huwa essenzjali li jkun hemm eżami finali sabiex jikkonstata li l-kandidat għall-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni jkollu l-konozzenzi u jkun kiseb il-kompetenzi meħtieġa għal eżerċizzju korrett u affidabbli ta' dawn il-funzjonijiet.
- 73 Għaldaqstant ir-risposta għas-seba' u t-tmien domanda għandha tkun li d-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss il-persuni li segwew it-tagħlim u t-taħriġ kollu mitlub minn din id-dispożizzjoni qabel ma daħlu fil-funzjonijiet tagħhom u li jkunu ġew suġġetti għal eżami tal-konozzenzi u tal-kompetenzi tagħhom wara dawn il-programmi ta' taħriġ li jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

*Fuq id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il domanda*

- 74 Bid-disa', l-għaxar u l-ħdax-il domanda tagħha, li jirrigwardaw il-kunċett ta' "pożizzjoni b'responsabilitajiet xierqa" li għandu jkollu, skont id-dispożizzjoni M.B.902(b)(4) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003, il-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dan ir-rekwiżit jirreferix għall-funzjonijiet eżerċitati qabel minn dan il-persunal jew, bil-kontra, jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tirreferi għall-pożizzjoni okkupata mill-persuna kkonċernata fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru (id-disa' domanda) u, f'dan l-aħħar każ, liema huma l-kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu sodisfatti (l-għaxar u l-ħdax-il domanda).
- 75 Fir-rigward tad-disa' domanda, għandu jiġi osservat li pożizzjoni b' responsabbiltajiet xierqa hija r-raba' u l-aħħar kwalifika mitluba mid-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata. Għall-istess raġunijiet li ġew esposti fil-punti 67 sa 69 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li dan ir-rekwiżit jingħaqad b'mod kumulattiv mat-tliet kwalifiki preċedenti u għandu jiġi sodisfatt mill-persunal ikkonċernat qabel ma jidħol fil-funzjonijiet tiegħu bħala spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.

- 76 Kif indikat il-Kummissjoni, ir-rekwiżit ta' pożizzjoni b'responsabbiltajiet xierqa fil-fatt jindirizza l-bżonn li jiġi ggarantit li l-persunal inkwistjoni jkollu l-maturità professjonali u l-esperjenza mitluba sabiex jitwettqu l-funzjonijiet ta' spezzjoni b'mod konformi mar-regoli ddettaljati previsti mir-Regolament Nru 2042/2003 u sabiex jintlaħqu konklużjonijiet affidabbli rigward l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata tal-inġenji tal-ajru spezzjonati.
- 77 Ir-responsabbiltajiet xierqa li għandha tinvolvi l-pożizzjoni okkupata mill-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru ma għandhomx jitqiesu biss minn lat ġerarkiku, iżda għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-funzjonijiet li għandhom jiġu eżerċitati, li jimplikaw il-maestrija tal-proċessi kollha intiżi sabiex jiġi żgurat li, f'kull ħin tal-ħajja operattiva tiegħu, l-inġenju tal-ajru jissodisfa r-rekwiżiti ta' adegwatezza għall-avjazzjoni li jkunu fis-seħħ u jkun f'kundizzjoni ta' operazzjoni mingħajr periklu. Din il-maestrija timplika kemm il-kapaċità li jitwettqu l-kontrolli tekniċi meħtieġa kif ukoll li jiġi eżaminat jekk ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli jippermettux il-ħruġ ta' dokumenti li jiċċertifikaw l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenju tal-ajru spezzjonat.
- 78 Għaldaqstant ir-risposta għad-disa' domanda għandha tkun li d-dispożizzjoni M.B.902(b)(4) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss il-persuni li qabel kienu jokkupaw pożizzjoni b'responsabbiltajiet xierqa, li turi kemm il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-kontrolli tekniċi meħtieġa kif ukoll li jeżaminaw jekk ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli jippermettux il-ħruġ ta' dokumenti li jiċċertifikaw l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenju tal-ajru spezzjonat li jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru.
- 79 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għad-disa' domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-għaxar u għall-ħdax-il domanda.

*Fuq it-tnax u t-tlettax-il domanda*

- 80 Bit-tnax u t-tlettax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 2042/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu li l-persuni li kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament ikomplu, awtomatikament u mingħajr proċedura ta' selezzjoni, jeżerċitaw tali funzjonijiet.
- 81 B'mod preliminari, għandu jiġi osservat li r-Regolament Nru 2042/2003 jinkludi serje ta' dispożizzjonijiet intiżi sabiex jagħtu biżżejjed żmien lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jadattaw ruħhom għall-qafas leġiżlattiv il-ġdid, fosthom, b'mod partikolari, il-possibbiltà mogħtija permezz tal-Artikolu 7(3) li jħallu għal iktar tard l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda.
- 82 Madankollu, l-ebda dispożizzjoni tal-imsemmi regolament ma timponi fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu li l-persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru, ikomplu jeżerċitaw tali funzjonijiet. B'mod partikolari, l-ebda dispożizzjoni ma tobbliga lill-Istati Membri jiċċertifikaw mill-ġdid, awtomatikament u mingħajr proċedura ta' selezzjoni, il-kompetenzi ta' dawn il-persuni.
- 83 Kif ġie indikat fil-punt 45 ta' din is-sentenza, id-Deċiżjoni 2003/19', inkwantu miżura ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 2042/2003, ma tistax, f'dan ir-rigward, tqiegħed fuq l-Istati Membru obbligi addizzjonali meta mqabbla ma' dan ir-regolament.

84 Ir-risposta għat-tnax u t-tlettax-il domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 2042/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma għandhomx l-obbligu li jipprovdu li l-persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru, ikomplu jeżerċitaw tali funzjonijiet awtomatikament u mingħajr proċedura ta' selezzjoni.

### Fuq l-ispejjeż

85 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 2 u d-dispożizzjoni M.B.902 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, tal-20 ta' Novembru 2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata] ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, waqt l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament, li jqassmu, fi ħdan l-awtorità kompetenti prevista mid-dispożizzjoni M.B.902, l-attivitajiet ta' spezzjoni tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni lil diversi kategoriji speċjalizzati ta' spetturi.
- 2) Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li kull persuna li tingħata l-kompitu li tispezzjona, taħt kwalunkwe aspekt, l-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru għandu jkollha esperjenza ta' ħames snin li tkopri l-aspetti kollha intiżi sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata tal-inġenji tal-ajru, u dawn l-aspetti biss.
- 3) Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(1) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom inkisbet l-esperjenza ta' mill-inqas ħames snin fil-qasam tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni kontinwata li għandu jkollu l-persunal responsabbli għall-eżami tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru. B'mod partikolari, huma jistgħu jagħżlu li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba fil-kuntest ta' impjeg fil-qasam tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, li jirrikonoxxu dik miksuba fil-kuntest ta' traineeship fil-kamp professjonali waqt l-istudji fl-ajrunawtika jew inkella dik marbuta mal-eżerċizzju preċedenti ta' funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni.
- 4) Id-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tistabbilixxi l-ebda differenza bejn dawk li għandhom liċenzja ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, fis-sens tal-Anness III tal-imsemmi regolament, intitolat "Parti 66", u dawk li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla.
- 5) Id-dispożizzjoni M.B.902(b) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss il-persuni li segwew it-tagħlim u t-taħriġ kollu mitlub minn din id-dispożizzjoni qabel ma daħlu fil-funzjonijiet tagħhom u li jkunu ġew suġġetti għal eżami tal-konnoxxenzi u tal-kompetenzi tagħhom wara dawn il-programmi ta' taħriġ li jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur tal-adeqwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

- 6) **Id-dispożizzjoni M.B.902(b)(4) tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss il-persuni li qabel kienu jokkupaw pożizzjoni b'responsabbiltajiet xierqa, li turi kemm il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-kontrolli tekniċi meħtieġa kif ukoll li jeżaminaw jekk ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli jippermettux il-ħruġ ta' dokumenti li jiċċertifikaw l-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenju tal-ajru spezzjonat li jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru.**
- 7) **Ir-Regolament Nru 2042/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma għandhomx l-obbligu li jipprovdu li l-persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spezzjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-inġenji tal-ajru, ikomplu jeżerċitaw tali funzjonijiet awtomatikament u mingħajr proċedura ta' selezzjoni.**

Firem